KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.9.2009
KUMM(2009) 505 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 754/2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u tal-parir tal-STECF, jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz, bil-kundizzjoni li tkun disponibbli dejta xierqa dwar qabdiet u rimi ta' merluzz mill-bastimenti involuti, li l-persentaġġ ta' qabdiet ta' merluzz ma jaqbiżx 1.5 % tal-qabdiet totali għall kull grupp ta' bastimenti u li l-inklużjoni tal-grupp fir-reġim tal-isforz tkun tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali tiegħu fuq l-istokkijiet ta' merluzz. Wara l-esklużjoni tal-gruppi ta' bastimenti mill-Iżvezja u Spanja, kif deċiż mill-Kunsill fis-27 ta' Lulju 2009 (ir-Regolament (KE) Nru 754/2009), l-STECF ivvalutat talbiet oħra minn Franza, il-Ġermanja, il-Polonja u r-Renju Unit.

Abbażi tal-parir mill-STECF, l-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja u mill-Polonja fir-rigward tal-pollakkju, minn Spanja għas-sajd għall-marlozz u minn Franza fir-rigward tal-ispeċijiet tal-fond u tal-petriċi, turi biżżejjed li l-qabdiet ta' merluzz, inkluż ir-rimi mill-gruppi ta' bastimenti, huma konformi mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, u għalhekk jistgħu jkunu esklużi mir-reġim tal-isforz, bil-kundizzjoni li dawk it-tipi ta' sajd jibqgħu għaddejjin l-aktar f'fond aktar 'l isfel mill-medda li fiha jinsab il-merluzz, jiġifieri ta' 300 metru. Għar-rikjesti kollha l-oħra, l-informazzjoni mogħtija tqieset bħala insuffiċjenti sabiex tkun stabbilita l-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet.

Din il-proposta għandha l-għan teskludi l-gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

Il-Kunsill huwa mitlub jadotta din il-proposta malajr kemm jista' jkun sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għall-bqija ta' dan l-istaġun tas-sajd.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 754/2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004[1] u partikolarment l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 jistabbilixxi reġim tal-isforz tas-sajd li bih l-opportunitajiet ta' sajd f'termini ta' sforz tas-sajd jingħataw lill-Istati Membri fuq bażi annwali. Skont l-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kunsill jista' jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, u abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u tal-parir tal-STECF jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz bil-kundizzjoni li tkun disponibbli dejta xierqa dwar qabdiet u rimi ta' merluzz tal-bastimenti involuti, li l-persentaġġ ta' qabdiet ta' merluzz ma jaqbiżx 1.5 % tal-qabdiet totali għal kull grupp ta' bastimenti u li l-inklużjoni tal-grupp fir-reġim tal-isforz ikun jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali fuq l-istokkijiet ta' merluzz.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009[2] eskluda ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(3) Wara l-valutazzjoni mill-STECF tal-informazzjoni li fuqha huwa bbażat ir-Regolament (KE) Nru 754/2009, il-Ġermanja, Franza u l-Polonja pprovdew informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn ċerti gruppi ta' bastimenti oħrajn li jtajru l-bandiera tagħhom.

(4) Il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn gruppi ta' bastimenti li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana b'mod ġenerali u fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja permezz tat-tkarkir tal-qiegħ. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, flimkien mal-informazzjoni dwar dak is-sajd kif ipprovduta mill-Istati Membri l-oħra u kif ivvalutata mill-STECF, jista' jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, minn bastimenti involuti f'dik l-attività matul il-perjodu fejn huma jużaw biss dak l-irkaptu tas-sajd, ma jaqbżux 1.5 % tal-qabdiet totali ta' dak il-grupp ta' bastimenti involuti f'dik l-attività matul l-istess perjodu, sakemm dawn it-tipi ta' sajd jibqgħu għaddejjin f'fond aktar 'l isfel mill-medda li fiha jinsab il-merluzz, jiġifieri ta' 300 metru. Barra minn hekk, jekk jitqies il-programm Ġermaniż biex jiġi kkontrollat dan is-sajd, u fid-dawl tal-fatt li l-inklużjoni ta' dak il-grupp issarraf f'piż

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
[2] ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.

amministrattiv sproporzjonat mal-impatt kumplessiv fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta’ bastimenti li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana b’mod ġenerali, bit-tkarkir tal-qiegħ, u b’malji tax-xbieki ta’ 100 mm jew aktar f’fond ta’ 300 metru jew aktar, jiġi eskluż mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fill-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(5) Franza pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta’ merluzz minn gruppi ta’ bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet tal-qiegħ fil-Punent tal-Iskozja bix-xbieki tal-qiegħ u minn grupp ieħor ta’ bastimenti li jistadu għall-petriċi bl-għeżula fl-istess żona. Abbażi ta’ dik l-informazzjoni, kif ivvalutata mill-STECF, jista’ jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, minn bastimenti involuti f’dawk l-attivitajiet matul il-perjodu li fih huma jużaw biss dak l-irkaptu tas-sajd, ma jaqbżux 1.5 % tal-qabdiet totali ta’ dak il-grupp ta’ bastimenti involuti f’dik l-attività matul l-istess perjodu, sakemm dawn it-tipi ta' sajd jibqgħu għaddejjin l-aktar f’fond aktar ’l isfel mill-medda li fiha huwa mifrux il-merluzz, jiġifieri ta’ 300 metru. Barra minn hekk, jekk jitqies il-programm Franċiż biex jiġi kkontrollat dan is-sajd, u fid-dawl tal-fatt li l-inklużjoni ta’ dak il-grupp issarraf f’piż amministrattiv sproporzjonat mal-impatt kumplessiv fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta’ bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet tal-fond fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bit-tkarkir tal-qiegħ u b’malji tax-xbieki ta’ 100 mm jew aktar f’fond ta’ 300 metru jew aktar, u l-grupp ta’ bastimenti li jistadu għall-petriċi fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bl-għeżula, f'fond ta' 300 metru jew aktar, jiġi eskluż mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fill-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(6) Spanja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta’ merluzz minn grupp wieħed ta’ bastimenti li jistadu għall-marlozz fiż-żona tal-Punent tal-Iskozja bil-konzijiet. Abbażi ta’ dik l-informazzjoni, kif ivvalutata mill-STECF, jista’ jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, minn bastimenti involuti f’dawk l-attivitajiet matul il-perjodu li fih huma jużaw biss dak l-irkaptu tas-sajd, ma jaqbżux 1.5 % tal-qabdiet totali ta’ dak il-grupp ta’ bastimenti involuti f’dik l-attività matul l-istess perjodu, sakemm dawn it-tipi ta' sajd jibqgħu għaddejjin l-aktar f’fond aktar ’l isfel mill-medda li fiha huwa mifrux il-merluzz, jiġifieri ta’ 300 metru. Barra minn hekk, jekk jitqies il-programm Spanjol biex jiġi kkontrollat dan is-sajd, u fid-dawl tal-fatt li l-inklużjoni ta’ dak il-grupp issarraf f’piż amministrattiv sproporzjonat mal-impatt kumplessiv fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta’ bastimenti li jistadu għall-marlozz fiż-żona tal-Punent tal-Iskozja li jistadu bil-konzijiet f’fond ta’ 300 metru jew aktar mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(7) Il-Polonja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta’ merluzz minn gruppi ta’ bastimenti li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana permezz tat-tkarkir tal-qiegħ. Abbażi ta’ dik l-informazzjoni flimkien mal-informazzjoni dwar dak is-sajd, ipprovdut minn Stati Membri oħra, kif ivvalutata mill-STECF, jista’ jiġi stabbilit li l-qabdiet ta’ merluzz, inkluż ir-rimi, minn bastimenti involuti f’dik l-attività matul il-perjodu li fih ikalaw biss dak l-irkaptu ta’ sajd, ma jaqbżux il-1.5 % tal-qabdiet totali tal-grupp ta’ bastimenti involuti f’dik l-attività matul l-istess perjodu, sakemm dak it-tip ta’ sajd jibqa’ għaddej, fil-biċċa l-kbira tiegħu, f’fond aktar ‘l isfel mill-medda li fiha ġeneralment jinsab il-merluzz, jiġifieri sa 300 metru. Barra minn hekk, jekk jitqies il-programm għall-kontroll ta' dan it-tip ta' sajd stabbilit mill-Polonja, u jekk jitqies li l-inklużjoni ta' dak il-grupp tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt kumplessiv fuq l-istokkijiet tal-merluzz, ikun xieraq li l-grupp ta’ bastimenti li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana bit-tkarkir tal-qiegħ, b’malji ta’

100 mm jew akbar u f'fond ta' 300 metru jew aktar, ikun eskluż mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 754/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Meta jitqies il-fatt li l-Istati Membri qed jimmaniġġjaw l-isforz u l-konformità mal-limitazzjonijiet tal-isforz fuq il-bażi tal-istaġun tas-sajd li jdum mill-1 ta' Frar 2009 sal-31 ta' Jannar 2010 u meta jitqies il-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ġie adottat ftit biss qabel il-bidu tal-istaġun, huwa xieraq li l-eżenzjonijiet ipprovduti minn dan ir-Regolament ikunu applikabbli għall-istaġun tas-sajd kollu u għalhekk, li huma jibdew japplikaw mill-1 ta' Frar 2009.

(10) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza għas-sajjieda kkonċernati u sabiex dawn ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għall-istaġun attwali tas-sajd, malajr kemm jista' jkun, huwa essenzjali li tingħata eċċezzjoni għall-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-Kapitolu I, l-Artikolu 3, tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 754/2009

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 754/2009, għandhom jiżdiedu l-punti (c) sa (g) li ġejjin:

"(c) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja, li jieħdu sehem fis-sajd fl-ibħra miftuħa, indikat fit-talba mill-Ġermanja, li ġġib id-data tal-25 ta' Marzu 2009, kif ikkompletata minn ittra li ġġib id-data tas-27 ta' Ġunju 2009, li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana u fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 100 mm jew akbar f'fond ta' 300 metru jew aktar.

(d) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza, li jieħdu sehem fis-sajd indikat fit-talba ta' Franza, li ġġib id-data tat-18 ta' Ġunju 2009, li jistadu għall-ispeċijiet tal-fond fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja, li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 100 mm jew akbar, f'fond ta' 300 metru jew aktar;

(e) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza, li jieħdu sehem fis-sajd indikat fit-talba ta' Franza, li ġġib id-data tat-18 ta' Ġunju 2009, li jistadu għall-petriċi fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja, li jistadu bl-għeżula, f'fond ta' 300 metru jew aktar;

(f) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja, li jieħdu sehem fis-sajd indikat fit-talba minn Spanja, li ġġib id-data tas-6 ta' April 2009, kif ikkompletata mill-korrispondenza li ġġib id-data tat-13 ta' April u l-14 ta' Settembru 2009, li jistadu għall-marlozz fiż-żona fil-Punent tal-Iskozja, li jistadu bil-konzijiet, f'fond ta' 300 metru jew aktar;

(g) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Polonja, li jieħdu sehem fis-sajd indikat fit-talba tal-Polonja, li ġġib id-data tat-23 ta' Marzu 2009, kif ikkompletata bil-korrispondenza li ġġib id-data tas-27 ta' April u s-16 ta' Ġunju 2009, li jistadu għall-pollakkju fil-Baħar tat-Tramuntana bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 100 mm jew akbar, f'fond ta' 300 metru jew aktar."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

.